



Puccini ...
Mija w
ħamsin sena
minn
twelidu

# L-Opra f'Malta ... u l-Baned Tagħna

Mro Ray Sciberras F.L.C.M.

L-isem ta' Giacomo Puccini mhux biss huwa magħruf sewwa fid-dinja ta' l-opra mondjali, imma huwa marbut ukoll ma' l-istorja tal-baned tagħna. Il-qagħda ġeografika tal-gżejjer tagħna, l-influwenza Taljana w l-attivita` importanti tat-Teatru Rjal, naħseb li kienu determinanti sabiex bħal kompożituri oħra Taljani ta' qablu, l-isem u l-opri ta' Puccini jakkwistaw fama u rispett kbir fost l-ammiraturi tal-baned Maltin ukoll. Fi tmiem is-seklu 19 f'pajjiżna kellna influss ta' surmastrijiet barranin, l-aktar Taljani, li fl-opinjoni tiegħi kienu letteralment strumentali fl-organizzazzjoni u r-riformazzjoni tal-baned tagħna. Bħalissa qed jiġuni f'moħħi l-ismijiet ta' Alessandro Vessella, Cardenio Botti, Raffaele Ricci, Angelo Melilli, Antonio Polento u Giovanni Giumarra illi impenjaw ruħhom bis-sħiħ sabiex jorganizzaw l-banda b'organiku modern u b'mużika klassika u operistika traskritta b'metodi ġodda. Bħala parti minn din l-organizzazzjoni wieħed jista' jinnota anke tibdil fl-istrumentazzjoni tax-xogħlijiet traskritti għall-banda. Fil-fatt, jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn xi partituri ta' dan il-perjodu, jsib strumenti ġodda li ma humiex inklużi f'partituri oħra aktar antiki bi skola ta' traskrizzjoni militari Ingliża. Fost dawn l-istrumenti nsibu l-familja sħiħa tas-Sassofoni, l-Flikorni u t-Trombi li bidlu l-ħoss tal-banda għal wieħed italjanizzat. Jingħad illi fis-snin għoxrin, kien Alessandro Vassella illi introduċa l-Flicorno Sopranino u l-Flicorno Tenore f'Malta. Nies antiki jirrakkontaw illi Mro Vessella kien ħajjar lill-kumitat tas-Soċjeta` Filarmonika La Valette sabiex jixtru dawn l-istrumenti li kienu għadhom qatt ma dehru fil-baned Maltin.

F'dawn iż-żminijiet l-opra kienet fl-aqwa tagħha. L-istaġun ta' l-opra tat-Teatru Rjal kien ikun miżgħud b'rappreżentazzjonijiet operistiċi ta' l-għola livell. Diretturi, mużiċisti u kantanti Taljani kienu ta' spiss jikkonfermaw l-abbilta` tagħhom jew jiddebuttaw fit-teatru tagħna. Iżda wieħed ma jridx jinsa' li anke xi kompożituri Maltin kellhom isimhom minqux f'uħud mill-istaġuni glorjużi tat-Teatru Rjal. Hawnhekk naħseb li jkun xieraq li nsemmu lill-Bormliż Paolino Vassallo bl-opri Amor Fatale u Frazir u liż-Żejtuni Carlo Diacono bl-opra L'Alpino. L-isfortuna kienet li dawn ir-rappreżentazzjonijiet ma kienux "aċċessibbli" għal kulħadd. Mhux kull min kien iħobb l-opra seta' jgawdi dan l-ispettaklu. Il-qagħda soċjali u finanzjarja tal-ħaddiema Maltin mhux dejjem kienet tippermetti dan il-"lussu" u għalhekk ħafna minnhom kien ikollhom jikkuntentaw bit-teatrin tal-Kappillan.

Fid-dawl ta' dan, il-maġġoranza assoluta kienet tfittex




*Ritratt mit-tielet att ta' La Boheme meħud waqt waħda mill-ewwel rappreżentazzjonijiet fl-1896.*

"Hawnhekk naħseb li jkun xieraq li nsemmu lill-Bormliż Paolino Vassallo bl-opri Amor Fatale u Frazir u liż-Żejtuni Carlo Diacono bl-opra L'Alpino"



il-baned sabiex titpaxxa bir-romanzi, xi kor jew sinfonija ta' l-opra minghajr ma thallas flus. L-istorja ta' l-opra kienu jkunu jafuha sewwa u ghalhekk ma kienx ikun wisq difficli sabiex isegwu l-verżjoni strumentali. L-irwol soċjo-kulturali tal-baned taghna kellu importanza enormi f'dan ir-rigward u ghalhekk il-kumitati u s-surmastrijiet ta' dak iż-żmien investew hafna fir-repertorju operistiku. Li kieku wiehed ikollu jaghmel inventarju tal-mużika kollha li teżisti fl-arkivji tal-baned taghna, jsib firxa kbira ta' selezzjonijiet mill-opra ta' l-ghola livell. Verdi, Rossini, Donizetti, Bellini, Giordano, Ponchielli, Leoncavallo, Boito, Bizet, Puccini u Mascagni ssibhom kullimkien. Ohrajn tista' ssibilhom sahansitra lil Wagner, Saint Saens, Gounod, Ferrari, Massenet u anke Catalani. Sa ftit tas-snin ilu, dawn kienu ghadhom jiddominaw il-kunċerti bandistiċi ta' pajjiżna. L-ebda banda ma kienet tażżarda taghmel xi programm mużikali minghajr ma tinkludi xi selezzjoni operistika. It-traskrizzjonijiet brillanti ta' Vessella, Bruscalupi u Giampieri fost ohrajn, ma jnaqqsu xejn mid-dinjita` ta' l-opra, hlief l-aspett spettakolari viżiv. F'dan il-qasam wiehed ma jridx l-anqas jinsa' l-kontribut kbir li ta' Carmelo Caruana bit-traskrizzjonijiet tieghu.

Wiehed mill-kompożituri li semmejt aktar 'l fuq, huwa Giacomo Puccini, li din is-sena jaghlaq mija u hamsin sena minn twelidu. Huwa kiteb disa' opri u Trittico ( tlett opri kontrastanti f'att wiehed). It-traskrizzjonijiet tal- Manon Lescaut, La Boheme, Tosca, Madama Butterfly u Turandot huma l-aktar komuni w nsibuhom ukoll fl-arkivju tal-banda taghna. Naf ukoll li baned ohra ghandhom selezzjonijiet jew romanzi minn Le Villi u Gianni Schicchi. Sabiex ahna wkoll inkunu qeghdin nikkontribwixxu f'dan l-anniversarju importanti, ghal din is-sena hsibna sabiex indoqqu selezzjoni sabiha mill-opra La Boheme. Puccini kiteb din il-melodramma f'erba' atti fuq librett ta' G.Giacosa u L.Illica, ibbażata fuq ir-rumanz "Scenes de la Vie de Boheme" ta' Henri Murger. L-ewwel rappreżentazzjoni dinjija ta' La Boheme saret fl-1 ta' Frar 1896 fit-Teatro Regio ta' Turin. Sentejn wara, jiġifieri nhar it-Tlieta, 8 ta' Marzu 1898, din l-opra saret ghall-ewwel darba f'Malta fit-Teatru Irjal. L-istorja ta' din l-opra titratta dwar erba' artisti żghażagh li kienu jghixu f'kamra fqira ġewwa Pariġi- Rodolfo(tenur), Marcello(baritonu), Schaunard(baritonu) u Colline(baxx) jinbidlu minn lejl ghal nhar hekk kif il-ġara taghhom Mimi(sopran) issejjah lil Rodolfo biex tkellmu wahdu. Hawnhekk nassistu ghall-dwett ta' mhabba b'Rodolfo jkanta "Che gelida manina" u Mimi tirrispondi "Mi chiamano Mimi". It-tieni att huwa wiehed storbjuż u allegruż mahdum f'ambjent ta' kafetterija b'Musetta(sopran) protagonista bil-valz sabih "Quando m'en vo". L-opra tasal fi tmiemha meta Mimi tmut f'idejn Rodolfo.

Minn ittri li Puccini kien ta' sikwit jikteb u li ġew ippubblikati minn Remo Giazotto fl-1996, wiehed jista' faċilment jifhem b'liema mod krudili l-marda tal-kanċer affettwat il-hajja tieghu. Fil-kitba ta l-artist minn Lucca kienet tinhass in-nuqqas ta' fiduċja fih innifsu, u apatija ghal dak kollu sabih li toffri l-hajja. Kien jilmenta li xjah u spiċċa u li mdejjaq hafna. Fl-ahhar ittra li kiteb lill-habib tieghu Alfredo Caselli kien qallu hekk "Non voglio dire muoio disperato ma poco ci manca". Hawnhekk Puccini jisfoga f'poeżija sabiha ta' niket kbir, ghax kien wisq viċin il-mewt biex seta' jiddubita mis-sinċerita` tieghu.

**Non ho un amico,**
**mi sento solo,**
**anche la musica**
**schifo mi fa.**
**Quando la morte**
**verra` a trovarmi**
**saro` felice di riposarmi.**
**Oh, com'e dura**
**la vita mia,**

**eppur a molti**
**sembro felice...**
**Ma i miei successi?**
**passano e ... resta**
**ben poca cosa.**
**Son cose effimere,**
**la vita corre,**
**va verso il baratro;**

**chi vive giovane**
**si goda il mondo;**
**ma chi s'accorge**
**di tutto questo?**
**Passa veloce**
**la giovinezza**
**e l'occhio scruta**
**l'eternita`.**

Versi li jikxfu d-djufija umana, versi ta' rassenjazzjoni, versi li jirrivelaw lil dak il-bniedem li ghal hafna snin kien mohbi wara s-sublimita` tal-mużika tieghu.

Il-Festa t-Tajba Lil Kulhadd ■



*Giacomo Puccini u d-direttur Arturo Toscanini.*

"L-irwol soċjo-kulturali tal-baned taghna kellu importanza enormi f'dan ir-rigward u ghalhekk il-kumitati u s-surmastrijiet ta' dak iż-żmien investew hafna fir-repertorju operistiku"